

Brussell, 14 ta' Novembru 2025
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0199 (NLE)**

**14168/25
ADD 1**

**FISC 274
ECOFIN 1364
CH 50**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn l-UE u l-Iżvizzera dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji = Approvazzjoni - Dikjarazzjoni mill-Kunsill

Dikjarazzjoni mill-Kunsill

L-Unjoni Ewropea tilqa' l-istabbiliment ta' qafas għall-assistenza reċiproka fl-irkupru tat-talbiet tal-VAT bejn l-Istati Membri u l-Iżvizzera. Dan huwa pass importanti fit-tkomplija u l-appfondiment tal-kooperazzjoni amministrattiva li ilha teżisti bejn il-partijiet fil-qasam tat-tassazzjoni. L-Unjoni Ewropea tistenna li l-Iżvizzera tiegħu l-miżuri kollha meħtieġa in bona fede biex tiżgura li dan il-ftehim jiġi estiż biex ikopri l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet oħra tat-taxxa. Jekk dan l-oġjettiv ma jintlaħaqx fi żmien erba' snin mill-1 ta' Jannar wara l-iffirmar ta' dan il-protokoll emendatorju, l-Unjoni Ewropea ser tikkunsidra mill-ġdid il-bilanċ ġenerali ta' dan il-ftehim.